# Il-Protezzjoni ta’ Nies Intersess fl-Ewropa

## Għodda għal dawk li jfasslu l-politika u l-leġiżlaturi

Dan Christian Ghattas

# LISTA TAL-IĊĊEKKJAR

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

*This publication has been produced with the financial support of the European Union's Rights, Equality and Citizenship Programme 2014-2020. The contents of this publication are the sole responsibility of ILGA-Europe and can in no way be taken to reflect the views of the European Commission.*

# LISTA TAL-IĊĊEKKJAR - INDIĊI


1. IL-PROTEZZJONI TAL-INTEGRITÀ FIŻIKA TA' NIES INTERSESS 4

2. IL-PROTEZZJONI TA' NIES INTERSESS MINN DISKRIMINAZZJONI F'KULL QASAM 5

3. IS-SAĦĦA 5

4. L-EDUKAZZJONI 6

5. REATI TA' MIBGĦEDA U DISKORS TA' MIBGĦEDA 7

6. IR-REĠISTRAZZJONI TAL-MARKATUR TAL-ĠENERU MAT-TWELID 7

7. IR-RIKONOXXIMENT LEGALI TAL-ĠENERU 8

8. L-AĊĊESS GĦAL-ĠUSTIZZJA U GĦAR-RIMEDJU 8

9. IL-ĠBIR TA' DATA: L-INDIRIZZAR TA' LAKUNI FIR-RIĊERKA 8

10. IL-FINANZJAMENT - IL-ĦOLQIEN TA' SOSTENIBBILTÀ 9

## 1. Il-Protezzjoni TAL-INTEGRITÀ FIŻIKA ta' Nies Intersess

Sabiex jiġi żgurat id-dritt tan-nies intersess għas-saħħa, l-awto-determinazzjoni u l-integrità fiżika, l-istati għandhom joħolqu liġijiet li b'mod espliċitu

- ☐ jipprojbixxu kwalunkwe interventi kirurġiċi irreversibbli u mhux urġenti, jew interventi oħrajn, sakemm il-persuna intersess innifisha ma tkunx tat kunsens personali, ħieles u kompletament infurmat
- ☐ jistabbilixxu sanzjonijiet legali adegwati għall-professjonisti mediċi li jwettqu kwalunkwe interventi kirurġiċi u/jew interventi oħra irriversibbli u mhux urġenti li jistaw jiġu diferiti imma ma jiġux diferiti
- ☐ jistabbilixxu grupp ta' ħidma indipendenti magħmul b'mod ugwali minn esperti tad-drittijiet tal-bniedem, esperti intersess, professjonisti psiko-soċjali u esperti mediċi, biex jirrevedu u jevalwaw il-protokolli tat-trattament.
- ☐ jistabilixxu d-dritt għall-għotja ta' sostenn espert u sensittiv[1] ma' fornituri mħarrġa biex jaħdmu ma' nies intersess.
- ☐ jestendu l-perjodu ta' żamma tar-rekords mediċi għal mill-inqas 40 sena
- ☐ jestendu l-istatuti ta' limitazzjoni għall-interventi kirurġiċi u/jew interventi oħra għal mill-inqas 20 sena, u jissospenduhom sal-età minima ta' 21 sena tal-persuna kkonċernata
- ☐ jippermettu interventi kirurġiċi u/jew interventi oħra li huma riversibbli u irriversibbli fuq minorenni maturi, jekk il-minuri matur jagħti l-kunsens personali u kompletament infurmat
    - jistabbilixxu l-preżenza ta' parti terza indipendenti biex tieħu sehem fil-proċess, sabiex jiggarantixxu l-prinċipji tal-kunsens
- ☐ jistabbilixxu l-obbligi legali għall-professjonisti mediċi biex:
    - jinfurmaw lill-individwu b'mod komprensiv dwar it-trattament, inkluż għażliet mediċi possibbli oħra u dettalji dwar ir-riskji, u l-konsegwenzi u l-effetti possibbli fit-tul, ibbażata fuq informazzjoni medika aġġornata
    - jipprovdu minuti dettaljati tal-konsultazzjoni lill-pazjent u lill-ġenitur(i) jew lill-gwardjan(i) legali tagħhom
- ☐ jtemmu l-kopertura tal-mutilazzjoni ġenitali ta' nies intersess mis-sistema tas-saħħa pubblika u privata
- ☐ jiżguraw li r-regolamenti u l-prattiki fis-setturi pubbliċi u privati ma jaħarbux leġiżlazzjoni u proviżjonijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni u dawk kontra d-diskriminazzjoni

---

[1] Mit-test tal-liġi Maltija tal-2015, "sostenn sensittiv" jirreferi fl-istess ħin għall- kompetenza espliċita flimkien ma' sensittività permezz ta' programmi edukattivi mfassla apposta.

## 2. Il-Protezzjoni ta' Nies Intersess Minn Diskriminazzjoni F'KULL QASAM

- ☐ Tinkludu "karatteristiċi tas-sess" bħala bażi ta' protezzjoni f'kull leġiżlazzjoni u proviżjonijiet eżistenti u futuri kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll fil-leġiżlazzjoni u l-proviżjonijiet dwar reati ta' mibgħeda u diskors ta' mibgħeda. Il-bażi ta' "karatteristiċi tas-sess" għandha:
    - o tkun inkluża b'mod espliċitu f'leġiżlazzjoni u fil-proviżjonijiet kollha dwar trattament ugwali u dawk ta' kontra d-diskriminazzjoni
    - o tiżgura protezzjoni espliċita fil-qasam tax-xogħol, l-aċċess għal prodotti u servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni, u l-vjolenza motivata minn preġudizzju
    - o tiżgura protezzjoni espliċita kontra d-diskriminazzjoni fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa, u l-vantaġġi soċjali u s-sħubija u l-involviment f'organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem
    - o tiżgura li l-istatuti ta' limitazzjoni jqisu t-tul ta' żmien li vittma ta' diskriminazzjoni teħtieġ biex tirkupra mid-diskriminazzjoni
- ☐ Tistabbilixxu miżuri komprensivi li jqajmu kuxjenza u għarfien għall-pubbliku ġenerali
- ☐ Tistabbilixxu taħriġ obbligatorju bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem dwar nies intersess u kwistjonijiet intersess għall-professjonisti li jaħdmu fl-oqsma ta':
    - o saħħa, inklużi tobba, qwiebel, psikologi u professjonisti oħrajn li jaħdmu fis-settur tas-saħħa (eż. ħaddiema tar-*reception*)
    - o professjonisti tas-saħħa mentali u dawk li jagħtu sostenn u għoti ta' pariri (*counselling*)
    - o edukazzjoni
    - o infurzar tal-liġi
    - o kura tal-anzjani
    - o għalliema, ħaddiema soċjali (*social workers*), psikologi tal-iskejjel u ħaddiema oħra fl-iskola
    - o *trade unions* u kunsilli tax-xogħol
    - o uffiċjali mediċi u tobba ta' kumpaniji

## 3. IS-SAĦĦA

Tistabbilixxu:

- ☐ id-dritt għat-trattament li huwa bbażat fuq il-bżonnijiet fiżiċi tal-individwu, u li ma jkunx limitat mill-markatur tas-sess/ġeneru fid-dokumenti uffiċjali tagħhom
- ☐ id-dritt għall-kopertura tul il-ħajja minn sistemi tar-rimborżi tal-assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali, ta' kwalunkwe medikazzjoni meħtieġa bħala riżultat ta' interventi kirurġiċi u/jew interventi oħra fuq il-karatteristiċi tas-sess ta' persuna
- ☐ id-dritt għall-aċċess għall-kopertura għal kwalunkwe trattamenti, li mhuwiex limitat mil-markatur tas-sess/ġeneru fid-dokumenti tal-persuna
- ☐ id-dritt għall-għoti ta' pariri u appoġġ għall-individwi kollha kkonċernati u l-familji tagħhom
- ☐ id-dritt tas-superstiti tal-mutilazzjoni ġenitali ta' nies intersess li jkollhom aċċess għal-trattament riparattiv

- ☐ id-dritt t'aċċess għar-rekords mediċi

Tieħdu miżuri biex:

- ☐ tiżguraw appoġġ psiko-soċjali u bejn il-pari għall-nies intersess u l-familji tagħhom
- ☐ tistabbilixxu servizz t'għoti ta' pariri u sostenn professjonali u bejn il-pari minn nies intersess (jiġifieri appoġġ bejn il-pari minn counsellors mħarrġa bejn il-pari)
- ☐ tinkludu intersess u kwistjonijiet intersess fil-kurrikuli mediċi kollha u kurrikuli fil-qasam tas-saħħa
- ☐ tinkludu informazzjoni pożittiva u li tagħti s-setgħa dwar l-eżistenza ta' nies intersess b'materjal informattiv indirizzat u dirett għall-ġenituri futuri

## 4. L-EDUKAZZJONI

Miżuri addizzjonali ewlenin biex jipproteġu studenti intersess jinkludu:

- ☐ li jiġu stabbiliti sistemi t'appoġġ għal studenti vulnerabbli, li jinkludu speċifikament lil studenti intersess u l-bżonnijiet tagħhom
- ☐ li jiġi stabbilit il-ġbir diżaggregat ta' data dwar il-*bullying* u l-fastidju fl-ambjenti tal-iskola
- ☐ li jiġu stabbiliti għodod ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, u kejl tal-inklussività fl-iskejjel
- ☐ li jiġu inklużi nies intersess u l-eżistenza ta' aktar minn żewġ sessi bijoloġiċi b'mod pożittiv u li jagħti s-setgħa fil-kurrikuli tal-iskejjel, kotba testwali u materjal edukattivi
- ☐ li jiġu stabbiliti politiki tal-iskola li
    - o jipproteġu b'mod espliċitu studenti intersess / studenti b'varjazzjoni tal-karatteristiċi tas-sess
    - o jinkludu fatti bażiċi dwar studenti intersess
    - o jirrispettaw b'mod espliċitu d-dritt tal-istudenti kollha li jiddiskutu u jesprimu l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom kif ukoll il-karatteristiċi tas-sess tagħhom b'mod miftuħ
    - o jinkludu b'mod espliċitu lingwaġġ dispreġġjattiv fl-ambitu tal-*bullying*
    - o jkopru l-imġieba li sseħħ fl-iskola, fil-propjetà tal-iskola, f'attivitajiet u funzjonijiet sponsorjati mill-iskola, kif ukoll l-użu ta' teknoloġija elettronika u l-komunikazzjoni elettronika li jsseħħu fl-iskola, fil-propjetà tal-iskola, f'attivitajiet u funzjonijiet sponsorjati mill-iskola, fuq kompjuters tal-iskola, netwerks, fora u listi postali
    - o jistabbilixxu mekkaniżmi b'limiti baxxi biex jingħata appoġġ psikoloġiku u soċjali lil studenti intersess
    - o jistabbilixxu b'mod espliċitu l-intitolament ta' studenti intersess biex jiġu pprovduti, fuq talba, arranġamenti speċifiċi rigward faċilitajiet speċifiċi tal-ġeneru bħal toilets u kmamar tal-tibdil
    - o jinkoraġixxu lill-iskejjel biex jiddentifikaw faċilitajiet iddiżinjati għall-użu minn persuna waħda kull darba bħala aċċessibli għall-istudenti kollha irrispettivament mis-sess jew il-ġeneru tagħhom, u biex jinkorporaw dawn il-faċilitajiet ta' utent wieħed f'bini jew rinovazzjonijiet ġodda

- jippermettu lill-istudenti kollha jipparteċipaw fil-klassijiet tal-edukazzjoni fiżika u f'attivitajiet sportivi, inklużi l-isport kompetittiv, b'mod konsistenti mal-identità tal-ġeneru tagħhom
- jħeġġu lill-iskejjel biex jevalwaw il-faċilitajiet, l-attivitajiet, ir-regoli, il-politiki, u l-prattiċi kollha bbażati fuq il-ġeneru sabiex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' trattament ugwali
- jobbligaw b'mod espliċitu lill-ħaddiema tal-iskejjel biex jużaw l-isem u l-pronom skont it-talba tal-istudent, irrispettivament minn jekk dawn ġewx mibdula fid-dokumenti uffiċjali
- jikkonfermaw jew jistabbilixxu l-obbligu tal-iskola biex tbiddel ir-rekords uffiċjali ta' l-istudent biex jirrifletti l-bidla legali fl-isem jew il-ġeneru, malli tirċievi d-dokumentazzjoni li tali bidla ġiet awtorizzata

## 5. REATI TA' MIBGĦEDA U DISKORS TA' MIBGĦEDA

Sabiex tiġi miġġielda kull forma ta' espressjoni li tista' tipproduċi, ixxerred jew tippromwovi l-mibgħeda u d-diskriminazzjoni kontra nies intersess, huwa importanti li:

- ☐ tinkludu "karatteristiċi tas-sess" bħala bażi protettiva fil-leġislazzjoni u l-proviżjonijiet eżistenti dwar id-diskors ta' mibgħeda u r-reati ta' mibgħeda
- ☐ tipprojbixxu diskors intersessfobiku fil-midja, inkluż l-internet
- ☐ tinkludu nies intersess bħala grupp vulnerabbli fil-proviżjonijiet u miżuri li jikkonċernaw id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità
- ☐ timmonitorjaw d-diskors u r-reati ta' mibgħeda intersessfobiċi
- ☐ toħolqu u tevalwaw miżuri protettivi li jipprevjenu diskors u reati ta' mibgħeda u intersessfobiċi
- ☐ tevalwaw miżuri eżistenti fir-rigward tal-inklużjoni ta' nies intersess

## 6. IR-REĠISTRAZZJONI TAL-MARKATUR TAL-ĠENERU MAT-TWELID

Sakemm li l-markaturi tal-ġeneru jiġu rreġistrati mat-twelid, l-istati għandhom jiżguraw li d-diversità eżistenti tas-sessi u l-ġeneri tkun riflessa f'għażliet disponibbli għar-reġistrazzjoni tas-sess/ġeneru tal-wild. L-istati għandhom

- ☐ b'mod statutorju u qabel it-twelid, jipprovdu lill-ġenituri b'informazzjoni dwar l-għażliet legali għar-reġistrazzjoni tal-wild tagħhom
- ☐ jagħmlu disponibbli tlett (maskil, femminil, *non-binary* jew ekwivalenti) markaturi tal-ġeneru jew iktar meta tirreġistra wild mingħajr l-ebda dikjarazzjoni jew dijanjożi medika
- ☐ jippermettu ismijiet newtrali għall-ġeneru (mingħajr stipulazzjoni għal isem addizzjonali bbażat fuq il-ġeneru)
- ☐ jippermettu kunjomijiet newtrali għall-ġeneru
- ☐ jippermettu li tiġi posposta r-reġistrazzjoni tal-ġeneru fuq iċ-ċertifikat tat-twelid sakemm il-wild ikun matur biżżejjed biex jipparteċipa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni

- ☐ jippermettu ċertifikati tat-twelid mingħajr il-markatur tal-ġeneru
- ☐ jippermettu lill-ġenituri u tuturi legali li jagħżlu M, F, X għall-passaport tal-wild, meta l-wild ikun irreġistrat bħala *non-binary* (jew ekwivalenti), mhux speċifikat jew mingħajr il-markatur tal-ġeneru (l-għażla titħalla vojta jew ikun irreġistrat bħala "mhux speċifikat")

## 7. IR-RIKONOXXIMENT LEGALI TAL-ĠENERU

Jekk jogħġbok ara l-għodda tat-tfassil u l-lista ta' l-iċċekkjar komprensivi tal-2016 "Legal Gender Recognition in Europe" ippublikati minn Transgender Europe.[2]

## 8. L-AĊĊESS GĦAL-ĠUSTIZZJA U GĦAR-RIMEDJU

Id-*Dikjarazzjoni ta' Malta* tal-2013*,* li fiha t-talbiet konġunti tal-komunità internazzjonali intersess, tistieden lill-istati biex:

- ☐ jirrikonoxxu li l-medikalizzazzjoni u l-istigmatizzazzjoni ta' nies intersess iwasslu għal trawmi sinifikanti u tħassib dwar is-saħħa mentali tagħhom
- ☐ jipprovdu rikonoxximent adegwat tat-tbatija u l-inġustizzja kkawżati fil-passat lill-nies intersess
- ☐ jipprovdu rimedju adegwat, riparazzjoni, aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għall-verità

## 9. IL-ĠBIR TA' DATA: l-indirizzar ta' lakuni fir-riċerka

Hemm xi parametri, li meta jiġu kkunsidrati, juru li jżidu l-utilità tas-sejbiet tar-riċerka dwar nies intersess u jgħinu fl-iżvilupp ta' approċċi ta' riċerka mmirata:

- ☐ Riċerka dwar intersess trid tistaqsi dwar l-esperjenzi, mhux dwar l-identità
- ☐ In-nies intersess m'għandhomx jiġu riċerkati biss bħala sottogrupp ta' LGBTI iżda bħala parti indipendenti tal-popolazzjoni; is-segregazzjoni tad-data hija essenzjali
- ☐ Aħdmu flimkien ma' organizzazzjonijiet u gruppi ta' sapport tal-pari mmexxija minn nies intersess
- ☐ Ikkonsultaw m'attivisti u organizzazzjonijiet intersess meta jiġu mfassla kwestjonarji U meta l-informazzjoni tiġi analizzata u kkuntestwalizzata.

---

[2] https://tgeu.org/wp-content/uploads/2017/02/Toolkit16LR.pdf

**10. IL-FINANZJAMENT - Il-ħolqien ta' sostenibbiltà**

OII Europe u ILGA-Europe, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet ewlenin mir-rapporti ta' finanzjament imsemmija hawn fuq, jitolbu lill-istati li għandhom:

- ☐ jiffinanzjaw xogħol immexxi minn nies intersess
- ☐ jipprovdu finanzjament flessibbli u stabbli lill-organizzazzjonijiet u gruppi intersess
- ☐ jipprovdu finanzjament suffiċjenti għall-persunal imħallas
- ☐ jinvestu f'xogħol ta' kontra t-trawma u l-prevenzjoni tal-eżawriment (*burnout*)
- ☐ jinvestu fit-tisħiħ organizzattiv ta' organizzazzjonijiet u gruppi intersess
- ☐ jappoġġjaw attivisti intersess biex jibnu xogħol fil-livell komunitarju u nazzjonali
- ☐ jedukaw lill-istituzzjonijiet ta' finanzjament u msieħba dwar kwistjonijiet intersess
- ☐ inaqqsu l-ostakli għal gruppi intersess biex isibu u japplikaw għall-fondi
- ☐ jinvestu fi proġetti mmexxija minn nies intersess li joffru taħriġ għall-professjonisti mediċi u oħrajn
- ☐ jinvestu fi gruppi t'appoġġ tal-pari, preferibilment dawk li jaħdmu minn perspettiva ta' depatoloġizzazzjoni u tad-drittijiet tal-bniedem